## Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 152/2015

**Il-Pulizija**

**Spettur Mario Tonna**

**vs**

**Lee Borg**

Illum 27 ta' Ottubru, 2022

**Il-Qorti**;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Lee Borg, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 258790M, quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli f'dawn il-ġzejjer fit-8 ta' Settembru, 2012 għall-ħabta tat-05:00hrs ġewwa Triq Wilga, San Ġiljan:-

1. Saq jew pprova jsuq jew kellu kontroll tal-vettura bin-numru BBU-913 fi triq jew f'post pubbliku meta ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minħabba xorb jew drogi;

2. Aktar talli irrifjuta jew naqas milli jagħti skond il-liġi kampjun tan-nifs;

3. B'nuqqas ta' ħsieb u bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku, ħabat ma' vetturi numru YET-587, EBH-961, FCB-742, LAE-992 w involontarjament ikkaġuna ħsarat għad-dannu ta' Dragica Ilic, Angelo Psaila, Daniela Bonello u Carmel Schembri;

4. B'nuqqas ta' ħsieb u bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku, involontarjament ikkaguna ħsarat ġewwa residenza numru 46, Camille, Triq Wilga, San Giljan għad-dannu ta' Dragica Ilic, liema ħsara hija stmata li tammonta għal €500.

5. Aktar talli saq l-imsemmija vettura b'manjiera (a) traskurata, (b) perikoluża

Il-Prosekuzzjoni talbet lil Qorti l-iskwalifika mill-liċenzji kollha tas-sewqan għal-perjodu li l-Qorti jidrilha xieraq.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, tas-17 ta' Marzu, 2015 li biha sabet lill-imputat Lee Borg ħati tal-imputazzjonijiet kollha salv dik li kkaġuna ħsara fil-vettura numru ta' registrazzjoni YET-587 proprjeta' ta' Dragica Ilic minn liema mputazzjoni illiberatu, u ikkundannatu multa ta' elfejn u hames mitt ewro (€2,500) komplessivament u ordnat l-iskwalifika tal-liċenzji tas-sewqan tiegħu għall-perjodu ta' sitt xhur mid-data tas-sentenza;

Ai termini tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta tat l-fakolta' lill-imputat iħallas il-multa nflitta f'pagamenti mensili u konsekuttivi ta' mitt ewro (€100), bl-ewwel pagament jkun dovut mhux aktar tard mit-30 ta' Marzu, 2015.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Lee Borg, ppreżentat fir-reġistru ta' din il-Qorti fit-30 ta' Marzu, 2015, li biha talab lil din il-Qorti **tirriforma** s-sentenza appellata, billi **tikkonfermaha** f'dik il-parti fejn sabitu mhux ħati u lliberatu mill-imputazzjonijiet illi kkaġuna ħsara fil-vettura numru ta' reġistrazzjoni YET-587 propjeta' ta' Dragica Ilic filwaqt li **tirrevokaha** fil-bqija u konsegwentement tiddikjarah mhux ħati u tilliberah minn kull imputazzjoni, ħtija u piena, jew <u>alternattivament</u> **tirriforma** s-sentenza appellata billi tvarja l-piena inflitta u tinfliġġi piena aktar ekwa u ġusta għal każ odjern.

Rat l-aggravji tal-appellant;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat:

1. Illi l-fatti ta' dan il-kaz huma li vettura li kienet qed tinstaq f' Triq Wilga gewwa Paceville spiccat wieqfa f'nofs ta' triq wara li kienet laqtet diversi vetturi bi tnejn minnhom mitfuha fuq il-bankina u wahda spiccat f'parapett ta' residenza. Meta l-Pulizija accedew fuq il-post is-sewwieq tal-vettura ma kienx fuq il-post izda ftit wara tfacca l-imputat li ammetta maghhom li kien hu li

laqat il-vetturi l-ohra u li kien fis-sakkra u wara li kellu xi jghid mat-tfajla saq il-vettura u kkawza dawk il-hsarat. Mehud l-ghassa tal-Pulizija inghata d-drittijiet tieghu rigward it-test tan-nifs u rrifjuta li jaghmel dan it-test;

2. Illi, misjub hati mill-ewwel Qorti ghajr dwar danni fuq wahda mill-vetturi, l-imputat interpona appell quddiem din il-Qorti bi gravam singolari tieghu mirat lejn ir-revoka tas-sejbien ta' htija fuq il-bazi li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi meta kien hemm konflitt fl-istess provi li kellhom iwasslu ghal-liberatorja. Fuq din il-linja difensjonali l-appellant jallega li kien hemm konflitt mhux biss bejn il-provi tal-prosekuzzjoni u l-verzjoni moghtija minnu izda ukoll bejn ix-xhieda tal-istess proskezzjoni. Dan ghaliex filwaqt illi PS 928 Ramon Mifsud Grech xehed illi l-imputat ma felahx jimxi, ex PS 1492 xehed illi kellu riha qawwija ta' xorb u ma kienx car fid-diskors tieghu;

3. Din il-Qorti semghet ix-xhieda *viva voce* stante li l-ewwel Qorti ma rregistratx id-deposizzjonijiet taghhom minkejja, izda, li ghamlet sintezi tax-xiehda fis-sentenza taghha u dwar din l-allegazzjoni PS 928 Ramon Mifsud xehed li kien mar fuq l-incident flimkien ma' PC 502 fejn sabu erba' karozzi milqutin b'waħda minnhom mdahhla f'parapett. Kien hemm karozza wieqfa f'nofs ta' triq u wara xi għaxar minuti tfaċċa l-imputat u qal li kien hu li kien qed isuq il-karozza. Huwa nduna li kellu riħa ta' xorb u kien qallu li xorob għax kien argumenta mat-tfajla, saq u gara li gara. Ħadu l-għassa għall-breathalyser test u avzah bit-drittijiet tieghu ghall-darbtejn izda ghazel li ma jaghmilx dan it-test. Kwantu l-istat ta' sokor tal-imputat, ix-xhud spjega li ma kienx wieħed minn

dawk li ser jaqgħu mal-art u nnega li kien l-imputat li staqsa darbtejn biex jaghmel it-test.

4. Joseph Pace, ex PC 1492 xehed li hu u PS 928 Ramon Mifusd kienu sabu żewġ karozzi maħbutin u mtellgħin fuq il-bankina. Fit-tarf ta' Wilġa Street sabu MG wieqfa f'nofs ta triq bid-daqqiet. Imbagħad ġie l-appellant. Qallhom li kien tilef il-kontroll tal-vettura u dan kellu riħa ta' xorb. Għalhekk niżżluh l-għassa għall-breathalyser test. Wara li ngħata t-twissija huwa rrifjuta li jagħmel il-breathalyser test.

5. Illi dwar din il-parti tal-ewwel aggravju, l-appellant jaghmel referenza ghal dak li xehed wiehed mis-sidien tal-vetturi milquta, Joseph Farruga li kien spjega li kien ra lill-imputat niezel mill-vettura tieghu izda mkien ma qal li dan ma felahx jimxi jew li ma jiflahx joqghod fuq saqajh. Quddiem din il-Qorti, Joe Farrugia xehed li f'dak il-hin kien hiereg mir-residenza tieghu u mal-habta ra l-gebel tal-parapett gej fid-direzzjoni tieghu. Id-difiza ma ghamlet l-ebda mistoqsija in kontro-ezami lanqas dwar dak li allegat li qal dan ix-xhud fil-prim'istanza;

6. L-imputat ghazel illi jixhed u spjega kif huwa kien jahdem fil-bar ta' missieru gewwa Paceville u ghall-habta tal-erbgha ta' filghodu ta' dakinhar telaq lejn id-dar izda dar lura ghaliex nesa xi haga u meta rega' ghadda minn Wilga Street tilef il-kontroll tal-vettura u meta kiser biex idur din baqghet sejra fil-vettura ta' quddiemha. Mal habta, bil-biza' telaq u mexa lejn il-Casino izda wara rritorna u informa lill-Pulizija li kien hu li kien qed isuq. Dawn staqsewh iridx jaghmel it-test u wiegeb fl-affermattiv izda l-apparat gewwa l-ghassa ta' San Giljan ma kienx qed jahdem u

kienu ser jehduh f'dik ta' Tas-Sliema izda ma jafx ghaliex ma haduhx hemm. Huwa nnega li kien xurban ghaliex dak il-hin fil-bar ta' missieru kien xoghol bhala muzicist u kantant u ma setax jikkonsma alkohol jew affarijiet acidi minhabba l-vuci oltre li f'xogholu kien jiehu hsieb il-flus u l-istock tal-bar oltre li dak iz-zmien kien jiehu biss ilma u Red Bull. L-imputat innega li qatt irrifjuta jaghmel it-test tan-nifs.

7. Illi, fis-sentenza taghha, senjatament fil-parti li fiha ghamlet sintezi tad-deposizzjoni ta' PS 928, l-ewwel Qorti kwotat li dan ix-xhud jghid li l-imputat ma felahx jimxi. Kwotat ukoll lill-ex PS 1492 meta qal li l-imputat kellu riha qawwija ta' xorb u ma kienx car fid-diskors tieghu. Din il-Qorti ezaminat bir-reqqa s-sentenza tal-ewwel Qorti li rinfaccjata b'zewg verzjoniet ghazlet li ma temminx lill-imputat u dan wara li wieznet il-provi anke dawk indizzjarji u l-hsarat kollha bil-vetturi mbuttati fil-parapett fejn allura rragunat lil-verzjoni tal-imptuat ma ssibx sostenn mal-fatti;

8. L-ewwel Qorti kienet fil-pjena fakulta' li tghazel li temmen xhud minn iehor u hija l-funzjoni ta' din il-Qorti, issa, li tara jekk dik l-ghazla setghetx issir b'mod ragjonevoli u legittimu ghaliex mhix il-funzjoni ta' din il-Qorti li tiddeciedi l-kaz hi mill-gdid jew li tara kif kienet tagixxi hi fil-konfront tal-provi mressqa. Issa, kwantu l-konflitt fil-provi, din il-Qorti tabbraccja b'approvazzjoni dak wisq drabi citat fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Joseph Thorne" [9.7.2003] li *"mhux kull konflitt fil-provi għandu awtomatikament iwassal għal-liberazzjoni tal-persuna akkużata. Imma l-Qorti, f' każ ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skont il-kriterji enunċjati fl-artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali u tasal għall-konklużjoni dwar lil min*

*trid temmen u fhiex ser temmnu jew ma temmnux." Illi l-artikolu 638 (2) tal-Kodiċi Kriminali mbagħad jiddisponi li "f' kull każ, ix-xhieda ta' xhud biss, jekk emmnut minn min għandu jiġġudika fuq il-fatt, hija biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox,' (Il-Pulizija v Mario Zammit' (17 ta' Awwissu 2008. Qorti tal-Appell Kriminali Inferjuri preseduta mill-Onor Imħallef Dr Joe Galea Debono.'*

9. Inoltre kif ukoll ritenut fis-sentenza Il-Pulizija v Brian Caruana tat-23 ta' Mejju 2002 (Qorti tal-Appell Kriminali: *Kollox jiddependi mill-assjem tal-provi u mill-evalwazzjoni tal-fatti li jagħmel il-ġudikant u jekk il-konklużjoni li jkun wasal għaliha il-ġudikant tkun perfettament raġġunġibbli bl-użu tal-loġika u l-buon sens u bażata fuq il-fatti, ma jispettax lil din il-Qorti li tissostitwiha b'oħra anki jekk mhux neċessarjament tkun l-unika konklużjoni possibbli .*

*- "...assuming that there was no specific error in the conduct of the trial, an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case, with the conclusion of the learned magistrate) because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witness, whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone. However , should the overall feel of the case - including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings - leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done , then , very exceptionally, a conviction will be quashed." (R.v.Cooper (1969) 1 QB 276 per Lord Chief Justice Widgery - Blackstone's Criminal Practice (1991)*

10. Illi mill-ottika ta' dan l-insenjament, din il-Qorti ma tara xejn censurabbli fis-sentenza appellata. Ghal kuntrarju, tqis illi l-appellant ma ghandux ragun fil-kritika tieghu dwar l-apprezzament tal-provi mill-ewwel Qorti u li l-konkluzzjoni taghha hija wahda li setghet tasal ghaliha b'mod ragjonevoli u legali tenut il-provi mressqa ghall-konsiderazzjoni taghha u ghalhekk ser tghaddi biex tichad dan l-aggravju kif ukoll l-ewwel talba tieghu ghar-revoka tas-sentenza fejn din sabet htija fl-imputat;

11. Illi l-imputat ghamel ukoll talba alternattiva rigwardanti l-piena minkejja li ma ressaq ebda aggravju in rigward. L-piena erogata, izda, hija fil-parametri tal-ligi u proporzjonata u ghalhekk l-imputat ma jistax jilmenta minnha u ma tara ebda raguni ghaliex din il-Qorti ghandha, anke jekk eccezzjonalment, tiddisturba d-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti;

12. Ghal dawn ir-ragunijiet l-appell qed ikun michud u l-iskwalifika tal-licenzja tibda sehh minn nofs il-lejl tal-lum.